MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2012

Numru. 170/2006

**PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND BORG**
**SPETTUR JURGEN VELLA**
**VS**
**JOSEPH VELLA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Vella, ta' 55 sena. iben il-mejjet Carmelo u Filomena nee' Scerri, imwield l-Hamrun nhar it-13 ta' Jannar 1950, u residenti fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 78250(M).

a) Billi huwa akkuzata talli, nhar il-Hadd, l-1 ta' Mejju 2005 ghall-habta tal-4:00 pm gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin bil-hsieb li jaghmel hsara lill-Ispettur Abraham Zammit bhala ufficjal pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijietu, akkuzajt quddiem awtorita' kompetenti b'reat. Filwaqt li

kien jaf li dawk il-persuni huma innocenti ghall-fatt li jkun akkuzahom biss;

b) Akkuzat wkoll talli, fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi inti m'obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn ufficjali pubblici awtorizzati li jaghmlu dan;

c) Kif ukoll talli kien recidiv fuq sentenza mahruga mill-Qrati ta' l-Appell Kriminali nhar 17 ta'Lulju 2003.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-kunsens tal- Avukat Generali (a fol 7) u tal imputat (a fol 12) sabiex il-kaz jigi trattatt bi procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Ispettur Malcom Spiteri xhed illi fl-1 ta' Mejju 2005, gie infurmat minn PS 285 li dahal rapport li l-imputat, prigunier fil-Facilita Korretiva ta' Kordin, gie msawwat mill-Ispettur Abraham Zammit, u kien ttiehed l-isptar. Gie rilaxxat certifikat mediku ta' griehi ta' natura gravi, peress illi tajjar sinna, vide DOK MS. Spettur Spiteri investiga lill-imputat fil-prezenza ta' PC 353 Antoine Sacco li irrilaxxa stqarrija li ghazel li ma jaffermax.

L-imputat stqarr illi fl-1 ta' Mejju, 2005, kellu problema bit-*telecard* li soltu jinaghataw il–Habs u tela' fuq fl-ufficini tal-*administration* sabiex ikellem lill-Ispettur Zammit li kien qieghed f'laqgha, habbat, dahal, u l-Ispettur Zammit beda' jghajjat mieghu biex jinzel isfel u aggredih:

**" Minghajr ma ried jisma' id-diskors tieghi, beda jghajjat u jghidlli biex ninzel u jien ma nziltx ghaliex ridt il-*cards*. Tela' Bonnici tal-SRT, zammni minn wara gol-bieb, hareg ghalija Brian (Spettur Zammit)**

**imbuttani fil-kuritur u qabad icapcap. Taghni daqqa ta' ponn go wicci u tajjarli is-sinna, ipprova jilwili idejja, qbadtu mil-qmis, imbuttajna, ghelibna u beda jixxutja bis-sieq."** (a fol 17)

PS 285 Jeffrey Cutajar ezebixxa l-okkorrenza DOK PS dwar l-incident.

Spettur A Zammit (a fol 22) xhed li fl-1 ta' Mejju 2005 kien fl-ufficcju f'laqgha ma Ms Battistino, Ms Vella u is-*Supervison* Edmond Moore.

**"Hin minnhom xi hadd habbat fuq il-bieb b'arroganza u insistenza u dahal l-imputat wahdu, beda jinsisti li jinghata il-*cards*."** ( a fol 22)

Spettur Zammit spjega li bhala procedura, l-*inmates* dejjem ikunu skortati fl-ufficini tal-*administration*. Spettur Zammit xhed li ta' ordni lill-imputat biex jinzel, dan baqa' jirrifjuta minkejja li irrepeta l-ordni diversi drabi. Wara, Spettur Zammit xhed li hareg lill-imputat fizikament mill-ufficcju tieghu u zewg ufficjali nizzluh fic-cella. Waqt li kien niezel, l-imputat uza kliem mhux xieraq fil-konfront tieghu u tal-familja tieghu.

Spettur Zammit xhed illi hu diga kien gie avvicinat mill-imputat aktar kmieni filghodu u weghdu illi ser jindaga fuq l-problema li l-imputat kellu dwar it-*telecards*. Spettur Zammit xhed illi kien gie nfurmat li fil-Hdud u l-festi ma jitqassmux il-*phonecards* sempiliciment ghaliex l-Ufficjal inkarigat ma jkunx xoghol.

Spettur Zammit xhed li ghalkhemm kien jaf li l-imputat irtira ir-rappport tieghu, **kienu is-superjuri tieghu li ordnaw l-investigazzjoni tal-kaz.** Mistoqsi, Spettur Zammit xhed li ma dehrlux illi kien ittiehdu passi dixxiplinari kontra l-imputat ghal incident meritu tal-akkuza.

Ann Vella (a fol 26) ikkonfermat il-verzjoni li ta l-Ispettur Zammit u xhedet li intervieniet hi stess u offriet li takkompanja lill-imputat s'isfel, izda l-imputat baqa

jirrezisti. Hija xhedet illi anke is-*Supervisor* Moore pprova jnizzlu. Kien biss wara dan, li Spettur Zammit hareg lil imputat mill-ufficcju u ntuzat ftit forza. Vella xhedet li ma ratx x'seta' gara fil-kurituri barra l-ufficju il ghaliex hija baqghat fl-ufficcju.

PS 1211 Richard Zammit (a fol 29) xhed li sema l-ghajjat barra mill-ufficcju tieghu fil-Facilita Korrettiva ta'Kordin, hareg u ra lill PC 133 tal-SRT mindud fuq l-imputat biex jrazznu u sema t-tghajjir mil-imputat, fil-konfront ta' Spettur Zammit.( a fol 29)

Fil fatt l-imputat tnizzel fic-cella tieghu miz-zewg membri tal-SRT.

Surgent Zammit xhed illi l-imputat talab biex jkellmu u meta nizel, l-imputat qallu li gie msawwat mill-Ispettur Abraham Zammit.

Surgent Richard (Ritchie), xhed illi sussegwentament l-imputat ttiehed l-*MI Room* tal-Habs, u minn hemm ttiehed l-Isptar. Surgent Richard xhed illi kien jaf bil-problema medika tal-imputat, li kien ghamel *bypass*, u li kien kostrett jmur l-Isptar ta' sikwit.

Joanne Battistino (a fol 32) *Assistant Manager,* fil-Facilita Korrettiva ta'Kordin, kkonfermat x-xhieda ta'Anne Vella, qalet li l-imputat kien aggressiv fil-konfront ta' Spettur Zammit u li kellmu hazin.

Edmond Moore (a fol 36) kkonferma xhieda ta' Battistino u Vella.

Supretendent Sandro Gatt xhed (a fol 59 et seq) li fid-data msemmija fl-akkuza **hu kien kien jokkupa il-kariga ta' Direttur tal-Habs**.

Supretendent Gatt xhed fuq mistoqsija tad-difiza, li jidhirlu mill-memorja, **l-imputat kien wehed tmienja u ghoxrin (28) –il gurnata nuqqas ta'*Remission* u hmistax (15) –il gurnata ma johrogx fil-*Prison Grounds* ghal rigward l-incident mertu tal-akkuza.**

Supretendent Gatt  baqa’ jisthaqq :

**“ Le Le  Le niftakar ghax bil-gurament qieghed .”** ( a fol 60)

A fol  65, PC 762 George Camilleri xhed illi mill-kopja tar-*records* ma jidhirx li l-imputat kien rcieva xi punizzjoni dwar l-incident tal-1 ta’Mejju 2005 u ezebixxa DOK SG.

Anthony Schembri *Manager,*  fil-Facilita Korrettiva ta’ Kordin, xhed illi fil-2005 huwa ma kien jokkupa ebda kariga fuq id-*Disciplinary Board* tal-Habs izda hu  kien inkarigat mill-prigunieri illi kienu alloggati fil-*Forensic Unit* f’*Mount Carmel Hospital*.

L-imputat Joseph Vella xhed illi, hu kien gie ddixxiplinat u kien tilef r-*Remission* ta’diversi granet Habs fuq l-incident indikat fl-akkuza fil-konfront ta’ Spettur Zammit.

**Huwa stqarr illi wara li kien kellmu Supretendent Gatt, - Direttur tal-Habs ta’ dak iz-zmien - fuq dan l-incident, huwa ( l-imputat) kien ddecida illi jahfer lil Spettur Zammit, u rtira il-kwerela. Kif ghamel dan Spettur Zammit fetah l-proceduri odjerni.**

Ikkunsidrat:

Il-Qorti fil-kaz in ezami sejra tghaddi biex tezamina t-tieni, akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat.

Illi mill-kumpless tax-xhieda, jirrizulta illi l-imputat, bi ksur tar-regolamenti tal-Habs , tela wahdu ,cioe bla skorta, fl-ufficcju tal-Ispettur Zammit, habbat u dahal fuq laqgha li kienet ssehh tramite membri tal-amministrazzjoni, u li ntuzat forza biex l-imputat jigi remoss mill-ufficcju u mnizzel fic-cella.  L-uzu ta’ din il-forza ssarfet fi tixlif ta’sinna ta’quddiem u certifikat ta’ griehi ta’ natura gravi fuq l-imputat.

**Jidher li bl-intercessjoni ta' Supretendent Gatt , Direttur tal-Habs , l-imputat irtira r-rapport tieghu u Supretendent Gatt ftakar li l-imputat gie ddixiplinat b'telf ta' l'fuq min ghoxrin (20) gurnata f' *Remission* u nuqqas ta' hrug fil-*yard* ghall-diversi granet. Meta rega gie mistoqsi, Supretendent Gatt rrisponda car u tond li jiftakar li l-imputat fil-fatt kien gie dixxiplinat u rrisponda li dak li kien qieghed jghid, kien qieghed jghidu <u>bil-gurament</u>.**

Illi meta wiehed jifli il- *conduct* sheet tal-imputat jidher li x'aktarx hemm zball fid-dati, il ghaliex jidher li kien hemm akkuza dwar " *allegations against an officer*" fejn il-piena taqbel ma dak illi sostna kemm Supretendent Gatt u kif ukoll l-imputat.

Siccome illi jidher illi l-imputat diga rcieva il-punizzjoni tieghu fuq l-incident mertu ta' l-akkuza, il-Ligi ma tippermettiex illi l-imputat jerga jghaddi process kriminali u dana a bazi tal-principju kardinali **ne bis in idem**.

Ghaldaqstant din il-Qorti ma tistghax issib htija fl-imputat ghal-rigward tat-tieni akkuza.

Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel akkuza, jirrizulta **kjarament** illi l-imputat, ma rtirax ir-rapport tieghu il ghaliex dan kien b'xi mod inveritier. Izda jidher evidenti illi l-imputat ddecida li **jirtira r-rapport purament minhabba l-intercessjoni tas-Supretendent Sandro Gatt.**

Illi ghaldaqstant l-ewwel akkuza fil-konfront tal-imputat ma tirrezultax.

In vista tan-nuqqas ta' htija fl-ewwel zewg akkuzi, l-akkuza tar-recediva naturalment ma tissusistix

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------